# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 26/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmelo Farrugia**

Seduta tas-9 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat, Carmelo Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 786455M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-9 ta' April, 2013 għall-ħabta ta' 13:30hrs u matul dawn il-ġranet u x-xhur ta' qabel ġo Solair Holiday Complex, Triq il-Gwiebi, Buġibba, San Pawl il-Baħar agixxa bi ksur tal-obbligazzjoni magħmula fis-6 ta' Diċembru, 2012, liema obbligazzjoni kienet magħmula skont is-subartiklu (1) tal-Artiklu 13 tal-Att XIII tal-2003;

Il-Qorti kienet mitluba barra milli tagħti l-piena tordna l-esekuzzjoni tal-liġi taħt penali li jidhrilha xieraq fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-16 ta' Jannar, 2015 li biha ma sabitx lill-imputat Carmelo Farrugia ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u lliberatu;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2015, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha **tħassar** u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ssib lill-appellat Carmelo Farrugia ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi l-fatti brevement rakkontati huma li l-ispetturi tas-Saħħa Ambjentali Anthea Mari Falzon u John Scerri kienu sabu numru ta' nuqqasijiet ġewwa Solair Holiday Complex. In-nuqqasijiet kienu jirrigwardaw is-sistema tal-ilma tal-pool u l-ittestjar tal-istess ilma u kif ukoll il-mankanza ta' holqien u zamma ta' 'Risk Assessment Manual' bil-proċeduri tas-saħħa neċessarji. L-appellat kien iffirma u obbliga ruħu f'*undertaking* mad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali li jirrimedja għal dawn in-nuqqasijiet sas-6 ta' Marzu, 2013 wara spezzjoni li kienet saret f'Diċembru, 2012. Is-

sur Farrugia kien għamel kuntatt ma' kumpanija Quality Analysis Laboratory sabiex jgħinuh jirranġa n-nuqqasijiet. Id-Direttorat kien tal-fehma li nuqqas wieħed biss kien indirizzat u l-oħrajn, inkluż ir-risk assessment manual li għamlet din il-kumpanija ma sarx skond il-liġi;

2. Fl-aggravju tieghu l-Avukat Ġenerali jillanja d-decizzjoni tal-Ewwel Qorti li lliberat lill-appellat ghar-raġuni li huwa kien qabbad soċjeta' apposta sabiex tgħinu biex jirretifika n-nuqqasijiet elenkati fl-undertaking u kien għamel dak kollu possibbli għalih biex jissana l-illegalitajiet. L-Avukat Generali jargumenta illi dan ir-raġunament ma jiehux in konsiderazzjoni l-fatt li l-*undertaking* kien jorbot esklussivament lill-appellat u mhux lil terzi persuni jew kumpaniji oħra. Kien hu l-persuna li kellu jottempera ruħu mal-obbligazzjonijiet. L-fatt li l-manual sar ħażin u mhux addattat għal hotel tal-appellat ma jiswiex sabiex l-appellat jaħrab mir-responsabilita' kriminali li hu konsapevolment kien responsabbli għaliha una volta li ffirma l-undertaking mad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali. Dan, skond l-avukat ġenerali jaghti lok ghall-precedenti perikoluz f'każijiet ta' din ix-xorta;

3. Illi mill-atti jirrizulta illi fis-6 ta' Dicembru, 2012, l-appellat, f'isem is-socjeta' Solair Developments Ltd, dahal *f'undertaking* bil-miktub mad-Direttorat ghas-Sahha Ambjentali esebit bhala Dok AF1 a fol 4 tal-atti processwali u dan sabiex jirratifika s-segwenti nuqqasijiet sas-6 ta' Marzu, 2013. Dawn huma elenkati hekk: " 1) Failed to carry out a risk assessment to identify and assess the risk of exposure to legionella bacteria from work activities and the water systems at the Solair Holiday Complex (Pool side) Triq il-Gwiebi St. Paul's Bay and failed to identify any necessary precautionary measures which need to be adopted through a Risk Assessment Manual as per guidelines; 2) Failed to take samples from the hot and cold water system (including from swimming pool) to be tested for Legionalla once every six months; 3) Failed to keep a fully

documented record keeping of the risk assessment; 4) Failed to establish and make available to the Competent Authority a pool safety operating procedure manual for swimming pools at the Solair Holiday Complex (pool side) Triq il-Gwiebi St. Paul's bay; 5) Failed to provide evidence to the Competent Authority that the water quality of the swimming pools has always been kept within the recommended levels for the parameters listed in Schedule I and II of these regulations; 6) Failed to provide sign indicating the maximum bathing loads conspicuously posted at the pool; 7) Failed to provide signs indicating the hours of use, conspicuously posted at the pool. When the pools are not in use a CLOSED sign is to be fixed next or over the hours of use sign.";

4. Din il-Qorti semghet ix-xhieda *ex novo* peress illi tnejn biss mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda quddiem l-ewwel Qorti huma in atti u folja wahda ta' traskrizzjoni ta' deposizzjoni apparentement tal-imputat a fol 52. Mid-deposizzjonijiet quddiem din il-Qorti, jirrizulta illi meta l-imputat appellat daħal għar-responsabilita' bl-undertaking, kien infurmat li kellu massimu ta' tlett (3) xhur biex jirranġa s-seba' affarijiet li kienu elenkaw il-Health inspectors bħala mhux konformi mal-liġi. Dawn it-tlett xhur kienu jagħlqu fis-6 ta' Marzu iżda huwa talab extension lil Mrs Cook biex tagħtih xahar ieħor ( din l-extension skont health inspector John Scerri mhux suppost ingħatat mingħajr il-permess tas-superjuri tant li huwa jiddikjara li huwa ma kienx jaf biha). Fid-9 t'April, Mrs Cook marret tagħmel spezzjoni biex tiċċekja jekk irranġax l-affarijiet kollha u kien irranġa ħaġa waħda biss mis-sebgħa li kien hemm. Huma ħadu passi kriminali kontrih għax ma kienx irranġa sitta mis-seba' nuqqasijiet elenkati a fol 5 tal-proċess. L-appellat kien ta lil Mrs Cook ir-risk assessment manual li kien wieħed mill-affarijiet li kellu jagħmel u jlesti sas-6 ta' Marzu, u ħadet parir dwaru mingħand il-prinċipal tagħha Mr John Scerri u mingħand is-superjur tagħhom Mr Charles Bonnici;

5. Jidher li l-ewwel Qorti ikkonċentrat biss fuq ir-risk assessment manual u illiberat lill-imputat minħabba l-fatt li huwa kien prova u għamel ħiltu għal dan il-manual billi ħallas il-professjonisti. Mrs Cook, ħadet l-opinjoni tas-Sur Scerri u anke kellmu lis-superjur tagħhom Mr Bonnici rigward dan il-manual, kollha laħqu l-konklużjoni li dan ir-risk assessment manual ma kienx tajjeb għax kien ġenerali wisq u ma kienx *custom made* għalih kif suppost. L-appellat xehed li talab l-għajnuna ta' Mrs Cook dwar min għandu jqabbad u din issuġeritlu tlett konsulenti, huwa kkunttajta t-tlieta li huma u rrispondewh tal-quality analysis. Meta Mrs Cook, infurmatu li r-risk assessment manual ma kienx kif suppost huwa talabha jekk hijiex xi ħaġa li tixtriha, jekk għandhomx sample books u talabha biex telenka n-nuqqasijiet li fih iżda bil-miktub. Hi tixhed li bil-miktub ma rrisponditux iżda bil-fomm infurmatu bin-nuqqasijiet u li sample books ma jkollhomx għax huma tal-konsulenti.

6. Skond Charles Bonnici, senior environmental health practitioner, huwa kien eżamina r-risk assessment manual għax kien intalab jagħti l-fehma tieghu dwaru minn John Scerri. Elenka fid-detall in-nuqqasijiet li kien fih bħal eżempju n-nuqqas ta' schematic plan u s-sentinal points. Huwa jispjega li xi ħadd professjonist bħal microbiologist u water technologist irid ikun biex jagħmel manual bhal dan;

7. L-appellat spjega li huwa għamel ħiltu biex dan ir-risk assessment manual isir u ħallas il-professjonisti għal dan il-għan. Kien talab extension għax il-Hotel ma kinitx ħa tiftaħ qabel Mejju u għalhekk kien ikun ċert li jlaħħaq kollox. Meta ta l-manual lil Ms Cook kienet qaltlu li mhux oħxon biżżejjed il-manual. Saqsa jistax jixtrih u din qaltlu li dan irid isir custom made. Peress li l-manual ma kienx tajjeb reġa qabbad professjonisti oħra biex jerġa jsir mill-ġdid. Hu ma jafx x'kien fih il-manual għax kien ħalla f'id il-professjonisti.

8. Ir-risk assessment manual ma jistax ma jitqiesx li ma sarx għax is-Sur Farrugia ħalla f'idejn il-professjonisti. Mix-xhieda ta' Charles Bonnici huwa ċar li dan il-manual biex tippreparah trid tkun microbiologist u water technologist iġifieri bilfors f'idejn il-professjonisti trid tavda. Di fatti, ġie kkonfermat li s-Sur Farrugia umbagħad kellu jikkuntattja professjonisti oħra biex jerġa' jsir dan il-manual. Kellu jkun infurmat x' kienu n-nuqqasijiet biex jirranġhom.

9. L-appellat huwa imputat bi ksur tal-Artikolu 13 (1) tal- Att XIII tal-2003 li issa huwa l-artikolu 13 (1) tal-Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta u li jgħid is-segwenti:

*Meta s-Suprintendent ikun jidhirlu li persuna tkun qed twettaq xi ħaġa b'mod li jikkostitwixxi reat kontra dan l-Att jew li tkun qegħda tonqos milli tikkonforma ruħha ma' regolamenti magħmulin taħtu s-Suprintendent jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, minflok ma jistitwixxi jew jikkaġuna li jiġu istitwiti proċedimenti kontra dik il-persuna, jwissi lil dik il-persuna bil-miktub, u jara li dik il-persuna tagħmel obbligazzjoni bil-miktub li tkun se tieqaf minn dak it-twettiq speċifikat fl-obbligazzjoni.*

10. L-Avukat Generali jirreferi ghat-tip ta' responsabilita' hawn diskussa bhala wahda ta' 'strict liability'. F'dan ir-rigward il-Professur Sir Anthony Mamo fl-Ewwel Parti tan-Notes on Criminal Law tiegħu jgħid hekk: '*In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment.* (Blake-Odgers, op.cit. Vol

I. 114). (page 73 ). Fl-isfond ta' dan il-hsieb, kien l-appellat li dahal ghall-*undertaking* u ghalhekk jekk wettaqx jew le dak minn kontrattat jaqa' fuqu u fuq hadd aktar;

11. L-appellat jabbraccja dik il-parti tas-sentenza li fiha l-ewwel Qorti qalet li ghamel dak kollu li kien fil-possibilita' tieghu li jaghmel. L-appellat qed jirreferi ghal fatt illi qabbad nies professjonali sabiex jithejja dan il-manual li spicca ma kienx approvat mid-Direttorat. Allacjat ma' dan l-appellat jghid li dan il-manual qatt ma kien esebit mill-prosekuzzjoni sabiex ikun determinat b'mod indipendenti jekk dan thejjiex jew le. Ghad-Direttorat, izda, dan il-manual ma kienx jissodisfa l-vot tal-ligi u l-ghan li ghalih tressaq l-appellat ma huwiex biex ikun gudikat mill-Qorti dwar il-kwalita' tal-manual izda jekk dan sarx jew le. Ghad-Direttorat dan kien ta' kwalita' tali daqs li kieku ma sarx. Kien ghalhekk jispetta lill-appellat li juri li dan il-manual sar skond il-vot tal-ligi;

12. Il-Qorti ma taqbilx mar-ragjonament mressaq ukoll mill-appellat li ghaliex skond il-Kapitolu 465 il-Kap tas-Sanita' jista' jkun ukoll il-prosekutur allura tista' tinstab htija a bazi ta' opinjoni *ex parte*. Is-Sentenzi ta' din il-Qorti citati mill-appellat ma ghandhomx relevanza ghal-kaz in disamina hlief ghall-procedura ben stabilita' fi kwistjonijiet ta' Sanita' li jirrigwarda l-prova tar-rizultat ta' kampjuni kif ahjar mfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti tas- 16 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Zammit;

13. Lanqas ma tista' din il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellat li ic-citazzjoni hija zbaljata kwantu tirreferi ghad-data tad-9 t'April 2013 u matul il-granet u x-xhur ta' qabel meta jghid li din kellha tindika d-9 t'April u wara. Terga ssir referenza ghall-artikolu 13(1) tal-Kap 465 li jaghmel referenza ghall-avviz biex persuna tieqaf milli tkompli twettaq il-ksur u s-Supretendent jara li dik il-persuna tidhol f'obligazzjoni biex ma tkomplix twettaq dik l-illegalita'. Fil-kaz odjern l-allegata illegalita' kienet riskontrata fis-

6 ta' Dicembru, 2012 ghalhekk ic-citazzjoni hija korretta la darba tindika li fid-9 t'April kien qed jagixxi bi ksur tal-obligazzjoni li dahal ghaliha l-imputat appellat fis-6 ta' Dicembru, 2012;

14. Illi skont ix-xhieda tas-sinjura Cook għalkemm skont l-*undertaking* huwa kellu tlett xhur sas-6 ta' Marzu, 2013 biex jirranġa l-affarijiet u għalkemm ingħata estensjoni tal-istess żmien (mhux uffiċjalment) sad-9 t' April, 2013 huwa xorta naqas milli jikkonforma ruħu fi żmien stabbilit, għaliex skond l-istess xhud meta għamlet l-inspection fid-9 t'April, 2013 sabet li huwa kien irranġa ħaġa waħda biss minn sebgħa. Jekk wieħed, jikkunsidra li r-risk assessment manual tajjeb jew ħażin sar sad-9 t'April, 2013 l-appellat xorta baqa' inadempjenti għall-ħames nuqqasijiet l-oħra.

15. Għaldaqstant u għal din ir-raġuni, qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar s-sentenza appellata u wara li rat l-Artikolu 13 (1) u (3) tal-Kap 465 tal-liġijiet ta' Malta ssib lil appellat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta u tikkundannah għal multa ta' ħames mitt (€500)Ewro u bl-applikazzjoni tal-arikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali fuq talba tal-prosekuzzjoni qed tobbliga lill-appellat sabiex jottempera ruhu mal-obbligi minnu assunti sa zmien tlett (3) xhur mil-lum fuq penali ta' ghaxar (10) euro fin-nuqqas ghall kull jum ta' nuqqas.